# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1146/2012

## tat-3 ta' Diċembru 2012

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([3]) tat-22 ta' Marzu 2006 stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ċerti Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn issa 'l quddiem, l-"EASA") ikkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni li hija relevanti fil-kuntest tal-aġġornar tal-lista Komunitarja. Informazzjoni relevanti kienet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata, abbażi ta' dan.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati b'mod dirett, jew fejn dan ma kienx prattikabbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa deċiżjoni biex timponi fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati li jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, biex iressqu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem ta' xogħol, u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([4]).

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru waslulu aġġornamenti mill-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għadhom għaddejjin, li nfetħu fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 473/2006 ([5]), mal-awtoritajiet kompetenti u t-trasportaturi tal-ajru tal-Istati li ġejjin: l-Alġerija, Aruba, il-Bangladexx, Burkina Faso, il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, iċ-Ċina, il-Komoros, Kuba, Curaçao, l-Eġittu, l-Etjopja, il-Ġeorġja, il-Ginea Bissaw, il-Lesoto, il-Lussemburgu, il-Malawi, Mali, in-Nepal, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, l-Eritrea, il-Libja; l-Afganistan, l-Angola, il-Benin, il-Kongo-Brazzaville, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, Ġibuti, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, il-Ginea Ekwatorjali, l-Indoneżja, l-Iran, il-Ġordan, il-Kazakistan, il-Liberja, il-Madagaskar, il-Mawritanja, il-Możambik, il-Filippini, ir-Rwanda, São Tomé u Príncipe, Sjerra Leone, is-Sudan, is-Surinam, is-Sważiland, il-Venezwela u ż-Żambja.

(6) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru semal-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti ta' verifika mwettqa mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn issa 'l quddiem "l-ICAO") fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza (Universal Safety Oversight Audit Programme - USOAP). L-Istati Membri ġew mistiedna jagħtu prijorità lil spezzjonijiet fir-rampa fuq it-trasportaturi tal-ajru li huma d-detenturi ta' liċenzji fi Stati li għalihom l-ICAO identifikat Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza jew li dwarhom l-EASA kkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza. Minkejja l-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, dan se joffri l-possibbiltà li tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza fuq it-trasportaturi tal-ajru liċenzjati f'dawn l-Istati.

(7) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru semal-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa taħt il-programm ta' Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (SAFA) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operati bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(8) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru semal-preżentazzjonijiet tal-EASA dwar il-proġetti ta' assistenza teknika mwettqa fi Stati affettwati mir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat dwar it-talbiet għal aktar għajnuna u kooperazzjoni teknika għat-titjib fil-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jiġu solvuti nuqqasijiet ta' konformità bi standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri kienu mistiedna jirrispondu għal dawn it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.
([3]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
([4]) GU L 373, 31.12.1991, p. 4.
([5]) GU L 84, 23.3.2006, p. 8.
([6]) ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea**

(11) Wara l-analiżi mill-EASA ta' informazzjoni li tirriżulta minn spezzjonijiet fir-rampa tal-SAFA li twettqu fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mill-EASA, kif ukoll spezzjonijiet u verifiki speċifiċi għal ċerti oqsma mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar. Huma infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru b'dawn il-miżuri: Il-Greċja infurmat li ċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC) ta' Sky Wings twaqqaf wara s-sospensjoni tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tas-7 ta' Ottubru 2012; Il-Lussemburgu informa li l-AOC ta' Strategic Airlines ġie rrevokat fit-8 ta' Ottubru 2012, u li t-trasportatur tal-ajru ma għadux jeżisti; Spanja infurmat li t-trasportatur tal-ajru IMD implimenta azzjonijiet korrettivi b'suċċess u jibqa' taħt sorveljanza stretta; u l-Islovenja infurmat li l-AOC ta' Linxair Business Airlines ġie rrevokat fit-2 ta' Ottubru 2012.

**Air Algérie**

(12) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fl-2008 u l-2009 fuq inġenji tal-ajru operati mit-trasportatur tal-ajru Air Algérie fil-qafas tal-programm tas-SAFA, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija (DACM) f'Diċembru 2009, kif iddettaljat fir-Regolament (KE) Nru 590/2010 [1] u r-Regolament (KE) Nru 1071/2010 [2]. Dawn il-konsultazzjonijiet formali rriżultaw fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sodisfaċenti għall-indirizzar mill-ġdid tan-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati fi żmien qasir kif ukoll fl-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni korrettiva u preventiva soda mid-DACM u mill-operatur tal-ajru Air Algérie għal soluzzjonijiet sostenibbli. Il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportatur tal-ajru Air Algérie kompliet tiġi vverifikata permezz tar-riżultati tal-programm tas-SAFA, flimkien mar-rapporti ta' kull xahar mibgħuta mid-DACM lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom fuq l-operatur tal-ajru kif ukoll dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet korrettivi u preventivi li ssemmew qabel.

(13) Wara li qieset ix-xejra pożittiva li ilha tiġi osservata fl-ispezzjonijiet tas-SAFA min-Novembru 2010, l-assenza tan-nuqqasijiet serji tas-sikurezza u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi u preventivi f'konformità mal-ippjanar, f'Lulju 2012 il-Kummissjoni iddeċidiet li tagħlaq il-konsultazzjonijiet formali mad-DACM skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Comlux Aruba N.V.**

(14) Fi Frar 2012 l-awtorità kompetenti ta' Aruba intrabtet li tintroduċi emendi fis-sistema legali nazzjonali, u li tieħu azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' Comlux Aruba biex tassigura li sal-1 ta' Awwissu 2012 il-kontroll tal-operat ta' dan it-trasportatur tal-ajru jkun eżerċitat minn Aruba.

(15) Sabiex tikseb l-informazzjoni aġġornata dwar din il-kwistjoni, fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni, l-EASA u ċerti Membri tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru wettqu konsultazzjonijiet mal-awtorità kompetenti ta' Aruba. Dawn l-awtoritajiet infurmaw u pprovdew evidenza li l-leġiżlazzjoni tal-operati tat-titjir ġiet emendata biex issaħħaħ ir-rekwiżiti rigward l-istabbiliment tal-post prinċipali ta' negozju f'Aruba. Dawn l-awtoritajiet ikkonfermaw ukoll li l-kontroll tal-operat Comlux Aruba N.V. twaqqaf f'Aruba b'mod li jissodisfahom. F'dan ir-rigward ġew implimentati tibdiliet fl-organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dan it-trasportatur. Barra minn hekk, l-AOC kien limitat għal inġenju tal-ajru wieħed tat-tip B767 u se jiġġedded kull sena biss, soġġett għal riżultati sodisfaċenti tas-sorveljanza kontinwa, biex jiġi żgurat li t-tibdiliet organizzattivi jkunu effettivi.

(16) Il-Kummissjoni nnutat il-progress imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti ta' Aruba, u tħeġġiġhom ikomplu bl-isforzi tagħhom fit-tisħiħ tas-sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili tagħhom b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

**Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika tal-Kongo**

(17) It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ilhom elenkati fl-Anness A minn Novembru 2009. Il-Kummissjoni u l-EASA għamlu laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo (ANAC) fit-12 ta' Ottubru 2012, li matulha l-ANAC ippreżentat il-progress li sar sa issa sabiex jittaffa t-tħassib dwar is-sikurezza identifikat mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fl-okkażjoni tal-verifiki mwettqa fl-2008 fi ħdan il-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika tas-Sorveljanza tal-ICAO (USOAP).

(18) L-ANAC ipprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza tal-iskadenza taċ-Ċertifikat tal-Operat tal-Ajru tat-trasportatur tal-ajru Société Nouvelle Air Congo u kkonfermat li t-trasportatur tal-ajru waqqaf l-attivitajiet tiegħu. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, għandu jitneħħa mill-Anness A.

(19) L-ANAC ipprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni li tindika li t-trasportaturi tal-ajru li ġejjin ingħataw AOC: Canadian Airways' Congo, Eméraude, Equajet u Mistral Aviation. Madankollu, billi l-ANAC ma pprovdietx evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru hija assigurata b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A.

[1] ĠU L 170, 6.7.2010, p. 9.
[2] ĠU L 306, 23.11.2010, p. 44.

(20) Il-Kummissjoni nnutat il-progress imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo, u tħeġġiġhom ikomplu bl-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

**Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(21) Trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ilhom jiġu elenkati fl-Anness A minn Marzu 2006 ([1]). L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ħadu l-inizjattiva li jistabbilixxu mill-ġdid il-konsultazzjonijiet attivi mal-Kummissjoni u l-EASA, u indikaw l-intenzjoni soda tagħhom li jwettqu reviżjoni dettaljata u riforma sħiħa tal-industrija tal-avjazzjoni, kif ukoll tal-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza regolatorja.

(22) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo infurmaw li ngħata AOC lit-trasportaturi tal-ajru li ġejjin: Air Fast Congo, Fly Congo, Katanga Express, Katanga Wings, Mango Airlines, u Will Airlift. Madankollu, billi l-ANAC ma pprovdietx evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru hija żgurata b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A.

(23) L-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ma pprovdewx evidenza li t-trasportaturi l-oħra tal-ajru fl-Anness A waqqfu l-attivitajiet tagħhom. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(24) Il-Kummissjoni nnutat il-progress imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u tħeġġiġhom ikomplu bl-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

**Trasportaturi tal-Ajru minn Curaçao u St Maarten**

(25) L-ICAO wettqet verifika tal-Antilli Olandiżi ([2]) fl-2008 u għamlet għadd ta' sejbiet dwar l-elementi kritiċi kollha tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħhom. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti tal-Antilli Olandiżi ma kellhomx persunal tekniku suffiċjenti fl-oqsma tal-liċenzjar tal-persunal, l-operati tal-inġenji tal-ajru, is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-ajrudromi biex iwettqu l-funzjonijiet ta' sorveljanza tas-sikurezza.

(26) Barra minn hekk, wara valutazzjoni mill-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) tal-Istati Uniti skont il-programm tal-IASA f'Settembru 2011, Curaçao twaqqa' minn Kategorija 1 għal Kategorija 2 minħabba li l-FAA tqis li Curaçao ma kkonformax biżżejjed mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(27) Fl-aħħar nett, spezzjonijiet fir-rampa li twettqu taħt il-patroċinju tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (SAFA) ([3]) matul il-perjodu Mejju 2011 sa Mejju 2012, għamlu sejbiet li jammontaw għal medja ta' 'l fuq minn sejba waħda għal kull spezzjoni.

(28) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti ma' Curaçao u St Maarten, u f'Lulju 2012 kitbitilhom u saqsiethom għal dettalji rigward liema azzjonijiet korrettivi kienu tqiegħdu fis-seħħ jew qed jiġu ppjanati. Dawn il-konsultazzjonijiet jibqgħu għaddejjin.

(29) L-Awtoritajiet Kompetenti ta' Curaçao u St. Maarten irrispondew lill-Kummissjoni u ddettaljaw l-azzjonijiet korrettivi li għaddejjin, u ppjanaw li jindirizzaw l-ICAO u s-sejbiet tal-verifiki tal-FAA.

(30) Il-Pajjiżi l-Baxxi infurmaw lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru li huma kienu attivi fil-provvediment tal-għajnuna teknika għal Curaçao u St Maarten biex jgħinuhom fl-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu sistema ta' sorveljanza ta' sikurezza li hija konformi mal-istandards tal-ICAO.

(31) Il-Kummissjoni tinnota l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti ta' Curaçao u St Maarten, u tħeġġiġhom ikomplu b'determinazzjoni bl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni tagħhom, inkella l-Kummissjoni se jkollha tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-Istati Membri se jkomplu jissorveljaw mill-qrib, permezz ta' spezzjonijiet fir-rampa fil-qafas tal-programm tal-SAFA, li l-azzjonijiet korrettivi huma effettivi.

---

([1]) Il-premessi (60) sa (64) tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 tas-22 ta' Marzu 2006, ĠU L 84, 23.3.2006, p. 18.

([2]) F'Ottubru 2010 l-Antilli Olandiżi (li jiffurmaw parti mir-Renju tal-Olanda) sfaxxaw u minnhom inħolqu żewġ pajjiżi: Curaçao u Sint Maarten. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi issa jikkonsisti minn erba' pajjiżi: il-Pajjiżi l-Baxxi (fl-Ewropa), Aruba, Curaçao u Sint Maarten. Curaçao u Sint Maarten huma s-suċċessuri legali tal-Antilli Olandiżi u għalhekk jikkondividu l-istess reġistru tal-linji tal-ajru (PJ). Sa minn Ottubru 2010, iż-żewġ pajjiżi kellhom jorganizzaw is-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni tagħhom għalihom infushom u kull pajjiż ħoloq l-awtoritajiet kompetenti tiegħu. Minħabba l-interdipendenzi bejn iż-żewġ pajjiżi, il-każijiet jiġu riveduti b'mod parallel.

([3]) CAA-NL-2012-30, CAA-NL-2012-154, CAA-NL-2012-155, CAA-NL-2012-156, CAA-NL-2012-161, CAA-NL-2012-162; DGAC/F-2011-1628, DGAC/F-2011-1640, DGAC/F-2011-2007, DGAC/F-2011-2329, DGAC/F-2012-230, DGAC/F-2012-231, DGAC/F-2012-603, DGAC/F-2012-693.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Ginea Ekwatorjali**

(32) It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Ginea Ekwatorjali huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-UE u ilhom elenkati fl-Anness A minn Marzu 2006. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea Ekwatorjali (DGAC) ipprovdew lill-Kummissjoni b'informazzjoni li tindika li ngħata AOC lit-trasportatur tal-ajru Tango Airways. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza ta' bidliet fil-kapaċità tad-DGAC biex jassiguraw is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati f'dak l-Istat f'konformità mal-istandards ta' sikurezza applikabbli, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dan it-trasportatur tal-ajru għandu jiġi inkluż ukoll fl-Anness A.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Eritrea**

(33) B'riżultat tas-sejbiet identifikati matul il-verifika tal-Eritrea tal-ICAO f'Novembru 2010, l-ICAO innotifikat lill-Istati Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta' Chicago bi tliet każijiet ta' Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza (SSC) fl-oqsma tal-Operat, l-Ajrunavigabbiltà u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru. Barra minn hekk, fl-aħħar rapport ta' verifika tagħha, l-ICAO irrappurtat li n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza ammonta għal 79,9 %.

(34) Il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat dawn ir-riżultati, bdiet konsultazzjonijiet formali mal-awtoritajiet kompetenti tal-Eritrea (ER-CAA) biex tfittex dettalji dwar liema azzjonijiet kienet ħadet l-ER-CAA biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati mill-verifika tal-ICAO.

(35) L-ER-CAA infurmat lill-Kummissjoni b'ittra li filwaqt li żewġ każijiet ta' Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza rigward l-Ajrunavigabbiltà u s-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru ġew riżolti, it-tielet Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza rigward il-proċess ta' ċertifikazzjoni għall-ħruġ ta' Ċertifikat tal-Operaturi tal-Ajru kien għadu jrid jiġi riżolt, u jkun jeħtieġ missjoni ta' validazzjoni mill-ICAO biex jitneħħa. Madanakollu, is-sottomissjonijiet tal-ER-CAA ma kien fihom l-ebda informazzjoni rigward l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu biex jiġi indirizzat it-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza pendenti, u lanqas informazzjoni dwar is-sorveljanza tal-operat tat-trasportaturi tal-ajru tal-Eritrea, li t-tnejn li huma huma awtorizzati mill-Eritrea biex joperaw fl-UE.

(36) Il-Kummissjoni stiednet ripetutament lill-ER-CAA għal laqgħat ta' konsultazzjoni biex ifittxu kjarifikazzjoni ulterjuri dwar is-sorveljanza tad-detenturi Eritrej tal-AOC. Madanakollu, l-ER-CAA irrifjutaw li jattendu dawn il-laqgħat.

(37) Fil-21 ta' Novembru 2012, l-ER-CAA ġiet mistiedna għall-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru u għamlet preżentazzjonijiet. L-ER-CAA infurmaw li l-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tagħhom ġie aċċettat mill-ICAO u, b'riżultat tal-emenda tal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni ewlenija tagħhom u l-promulgazzjoni ta' għadd ta' regolamenti tal-avjazzjoni ċivili, min-naħa tagħhom qiesu li t-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza ġie indirizzat. Ma kienx ċar jekk l-Eritrea kinitx talbet Missjoni ta' Validazzjoni tal-ICAO, għalkemm qegħdin jirċievu appoġġ mit-Tim tas-Sikurezza tal-Uffiċċju Reġjonali tal-ICAO. Madanakollu, fil-fehma tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, huma naqsu milli juru b'mod adegwat li kienu ħadu azzjoni komprensiva biex jindirizzaw l-aspetti kollha tat-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza. Huma ma setgħux jipprovdu ċarezza fuq l-arranġamenti ta' sorveljanza assoċjati mal-inġenji tal-ajru elenkati fl-AOCs maħruġa mill-Eritrea, li jinkludu inġenji tal-ajru mikrija bl-ekwipaġġ mingħand trasportaturi tal-ajru barranin;, b'konsegwenza ta' dan, dawn l-inġenji tal-ajru huma elenkati f'diversi AOCs, u dan ma jikkonformax mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(38) Filwaqt li t-trasportaturi tal-ajru kollha liċenzjati fl-Eritrea ġew mistiedna għall-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, wieħed minnhom, l-Eritrean Airlines, għamel preżentazzjonijiet lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-21 ta' Novembru 2012. Dan it-trasportatur tal-ajru kkonferma li jopera żewġ inġenji tal-ajru tat-tip A320 għal Ruma taħt arranġament ta' kiri bl-ekwipaġġ, mingħajr ma jipprovdi kjarifika dwar is-sorveljanza tal-operat u l-kontroll tal-attivitajiet tiegħu għas-sodisfazzjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

(39) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru jirrikonoxxu l-isforzi li qed isiru biex in-nuqqasijiet tas-sikurezza fis-sistema tal-avjazzjoni ċivili fl-Eritrea jiġu indirizzati. Madankollu, abbażi tal-kriterji komuni, sakemm jiġu tabilħaqq implimentati azzjonijiet korrettivi adegwati sabiex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u b'mod partikolari għat-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza pendenti, huwa meqjus li l-awtoritajiet kompetenti tal-Możambik, f'dan l-istadju, mhumiex kapaċi jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards relevanti tas-sikurezza fuq it-trasportaturi tal-ajru kollha taħt il-kontroll regolatorju tagħhom. Għalhekk, it-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fl-Eritrea għandhom ikunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u mdaħħla fl-Anness A.

(40) Ladarba t-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza pendenti jitneħħa għas-sodisfazzjoni tal-ICAO, u s-sejbiet ewlenin tal-verifika tal-ICAO ikunu ġew indirizzati b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni tkun lesta li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post biex tivverifika l-progress miksub u tħejji reviżjoni tal-każ fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**Rollins Air mill-Ħonduras**

(41) L-awtoritajiet kompetenti tal-Ħonduras f'Ġunju 2012 talbu t-tneħħija ta' Rollins Air mil-lista ta' sikurezza abbażi tas-sospensjoni tal-AOC tiegħu. Fil-21 ta' Novembru 2012, huma pprovdew evidenza li l-AOC ta' Rollins Air, li kien ġie sospiż għal sitt xhur, skada u ġie eventwalment ikkanċellat fl-24 ta' Settembru 2012. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, Rollins Air għandha titneħħa mill-Anness A.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja**

(42) Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (id-DGCA) ikomplu bil-għan li jiġi mmonitorjat il-progress tad-DGCA fl-iżgurar tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi kollha tal-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja b'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(43) Fit-18 ta' Ottubru 2012 saret vidjokonferenza bejn il-Kummissjoni, l-EASA u d-DGCA li matulha d-DGCA ipprovda aġġornament rigward ċerti trasportaturi tal-ajru taħt is-sorveljanza tiegħu. Huma infurmaw li ħames trasportaturi tal-ajru ġodda ġew iċċertifikati, fosthom Jayawijaya Dirantara fis-16 ta' April 2012, Pacific Royale Airways fid-29 ta' Mejju 2012, Citilink Indonesia fit-22 ta' Ġunju 2012, Angkasa Super Services fis-7 ta' Ġunju 2012, u Air Born Indonesia fis-6 ta' Marzu 2012. Madanakollu, minħabba li d-DGCA ma pprovdiex l-evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru hija assigurata f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

(44) Barra minn hekk, id-DGCA informa li PT Sampoerna Air Nasantara kien bidel ismu għal PT Pegasus Air Services, u li PT Nyaman Air kien bidel ismu għal PT Heavy Lift, u li għalhekk l-ismijiet tagħhom għandhom jiġu emendati fl-Anness A.

(45) Id-DGCA informa u pprovda wkoll konferma li l-AOC ta' Dirgantara Air Service ġie rrevokat fit-25 ta' Mejju 2012. Għaldaqstant, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dan it-trasportatur tal-ajru għandu jitneħħa mill-Anness A.

(46) Id-DGCA ġiet mgħarrfa wkoll bir-riżultati ta' żjara ta' valutazzjoni tal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika (FAA) fl-Indoneżja, li saret f'Settembru 2012. Filwaqt li l-FAA innotat titjib fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni matul is-snin li għaddew, l-FAA għamlet għadd ta' osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' taħriġ għall-ispetturi, is-sorveljanza ta' attivitajiet tal-avjazzjoni barranin, l-infurzar tal-politika u l-proċeduri, partikolarment dawk li jikkonċernaw l-użu ta' multi, u l-ħtieġa li jittejbu ċerti faċilitajiet lokali. Id-DGCA qabel li jipprovdi kopja tar-rapport formali taż-żjara ta' valutazzjoni hekk kif ikun disponibbli.

(47) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru nnutaw il-progress tajjeb li sar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja, u se jkomplu jħeġġu l-isforzi tagħhom lejn it-tlestija tax-xogħol tagħhom biex jistabbilixxu sistema tal-avjazzjoni kompletament konformi mal-Istandards tal-ICAO.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Kazakistan**

(48) Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan ikomplu b'mod attiv. L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan għamlu diversi sottomissjonijiet, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni, megħjuna mill-EASA, organizzat laqgħa ta' konsultazzjoni fis-17 ta' Ottubru 2012. L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan instemgħu mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-21 ta' Novembru 2012, u għamlu preżentazzjonijiet f'dan ir-rigward.

(49) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan irrappurtaw li qed jimxu 'l quddiem f'riforma ambizzjuża tas-settur tal-avjazzjoni li ilha li bdiet mill-2009 għat-tisħiħ tas-sikurezza tal-ajru. Wara l-adozzjoni ta' kodiċi tal-avjazzjoni ċivili ġdida f'Lulju 2010 u l-adozzjoni ta' aktar minn 100 regolament tal-avjazzjoni speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti llum qed jimxu 'l quddiem fl-implimentazzjoni tagħhom. Qed jimxu 'l quddiem ukoll fil-bini tal-kapaċità tagħhom fit-twaqqif ta' Ċentru għall-Valutazzjoni tas-Sikurezza tat-Titjiriet, u fir-reklutaġġ ta' spetturi kwalifikati addizzjonali, li għandhom ikomplu fix-xhur li ġejjin. Qed jimxu 'l quddiem ukoll fir-ratifika tal-inġenji tal-ajru u l-operaturi.

(50) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan infurmaw li huma komplew jieħdu azzjonijiet ta' infurzar. B'ordni tal-Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet tat-3 ta' Lulju 2011 dwar l-istabbiliment ta' regoli tal-operat tat-titjiriet għall-avjazzjoni ċivili tar-Repubblika tal-Kazakistan, mill-1 ta' Novembru 2012 'il quddiem, l-inġenji tal-ajru mibnija mis-Sovjetiċi u li mhumiex konformi mal-istandards tas-sikurezza tal-ICAO mhumiex permessi joperaw aktar fl-ispazju tal-ajru tal-Kazakistan; konsegwentement, l-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan ipprojbixxew l-operati ta' 7 inġenji tal-ajru tat-tip Yak-40, 2 inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 12, 5 inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 24, u (1) inġenju tal-ajru tat-tip Tu-134 [1].

(51) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan infurmaw ukoll lill-Kummissjoni li 5 trasportaturi tal-ajru waqqfu l-operati tagħhom u pprovdew evidenza li l-AOCs tagħhom kienu skadew u ma ġewx imġedda. Dawn it-trasportaturi tal-ajru huma: Asia Wings, Minas, Skybus, Skyjet u Sayakhat Airlines. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(52) L-awtoritajiet komuni tal-Kazakistan barra minn hekk infurmaw lill-Kummissjoni li 4 linji tal-ajru li qabel kienu involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru waqqfu din l-attività, naqqsu l-flotta tagħhom u ġew iċċertifikati mill-ġdid għall-attività ta' xogħol fl-ajru; dawn il-linji tal-ajru huma: Aero Aircompany, AK Suncare Aircompany, Kazair West, Ust-Kamenogorsk Air division of EKA. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(53) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan infurmaw li b'ordni tal-Prim Ministru, l-ebda AOC ma jista' jingħata sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux f'pożizzjoni li jwettqu kompletament ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-ICAO.

[1] 7 inġenji tal-ajru tat-tip Yak-40; 2 inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 12; 5 inġenji tal-ajru tat-tip Antonov 24; (1) inġenju tal-ajru tat-tip Tu-134.

(54) Fil-21 ta' Novembru 2012, Air Astana nstema' mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru bil-għan li jipprovdi aġġornamenti dwar il-flotta tiegħu li bħalissa għaddejja minn tiġdid u għamel sottomissjonijiet f'dak ir-rigward. Huma infurmaw li diversi inġenji tal-ajru tneħħew gradwalment, u li inġenji tal-ajru ġodda qed jiddaħħlu fis-serje eżistenti B767, B757 A320 u flotot Fokker 50, flotot li diġà ssemmew taħt l-Anness B. Air Astana ddikjara u pprovda evidenza li l-prestazzjoni tas-sikurezza ta' din il-flotta tjiebet. L-awtoritajiet kompetenti tal-Kazakistan iddikjaraw li l-operati tal-inġenji tal-ajru li bħalissa huma mniżżla fuq l-AOC huma soġġetti għal ċerta sorveljanza kontinwa. L-awtoritajiet kompetenti ta' Aruba ipprovdew ukoll evidenza li l-ajrunavigabbilità tal-inġenji tal-ajru rreġistrati f'Aruba fuq l-AOC ta' Air Astana huma soġġetti għal sorveljanza kontinwa skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u li huma sodisfatti bl-istandards tal-ajrunavigabbilità li ntwerew. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-EASA kkonfermaw li l-ebda tħassib speċifiku ma rriżulta mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fl-ajruporti Ewropej fil-qafas tal-programm tal-SAFA. Konsegwentement, b'konformità mal-kriterji komuni, l-Anness B għandu jiġi emendat biex jippermetti, fil-livell attwali ta' operati, l-operat tal-inġenji tal-ajru tat-tip serje B767, B757, A320 u Fokker 50 li huma elenkati jew li se jiġu elenkati fl-AOC ta' Air Astana, dejjem jekk tali inġenji tal-ajru jkunu rreġistrati f'Aruba u l-AOC u t-tibdiliet kollha tiegħu jkunu sottomessi fil-ħin lill-Kummissjoni u l-Eurocontrol.

(55) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tal-istandards tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom isiru fuq l-inġenji tal-ajru ta' Air Astana skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012. Fil-każ li r-riżultati ta' tali verifiki, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni taħt l-awspiċji tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(56) Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa r-riforma ambizzjuża tas-sistema tal-avjazzjoni ċivili li adottaw l-awtoritajiet tal-Kazakistan, u tistieden lil dawn l-awtoritajiet biex b'determinazzjoni jkomplu l-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Għal dak il-għan, tħeġġeġ lil dawn l-awtoritajiet li jkomplu l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva miftiehem mal-ICAO, tisħaq fuq livell ta' prijorità fuq iż-żewġ każijiet ta' Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza pendenti, u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-operaturi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Ladarba t-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza jitneħħa għas-sodisfazzjon tal-ICAO, il-Kummissjoni tkun lesta li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post biex tivverifika l-progress miksub u tħejji reviżjoni tal-każ fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Kirgiżistan**

(57) It-trasportaturi stabbiliti fir-Repubblika Kirgiża ilhom soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat mill-2006. Fil-5 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni, megħjuna mill-EASA, kellha laqgħa ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan, li matulha dawn l-awtoritajiet indikaw li l-Kirgiżistan adotta qafas legali ġdid u li l-ħruġ mil-lista tas-sikurezza kien prijorità għall-gvern.

(58) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan ipprovdew informazzjoni li tindika li t-trasportaturi tal-ajru li ġejjin biddlu isimhom: Eastok Avia għal Air Bishkek u Dames għal State Aviation Enterprise taħt il-Ministeru tas-Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza (SAEMES). Għalhekk, l-Anness A għandu jiġi emendat kif xieraq.

(59) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan infurmaw li ngħata AOC lit-trasportaturi tal-ajru li ġejjin: Manas Airways, Supreme Aviation u Sky KG Airlines. Madanakollu, ma pprovdewx evidenza li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru huma assigurati f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A.

(60) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan ipprovdew evidenza lill-Kummissjoni dwar ir-revoka tal-AOCs li ġejjin: Trast Aero, Asian Air u Kyrgyzstan Airlines. Barra minn hekk, huma nfurmaw li l-AOCs ta' Aerostan u Itek Air kienu skadew u ma ġewx imġedda. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(61) Skont ftehim mal-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgiżistan, il-Kummissjoni tibqa' marbuta li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, missjoni ta' valutazzjoni tas-sikurezza għall-Kirgiżistan biex tivverifika fuq il-post l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda u s-sorveljanza sodisfaċenti ta' ċerti trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Kirgiżistan.

**Trasportaturi tal-ajru mil-Libja**

(62) Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Libja (LCAA) għadhom għaddejjin bil-għan li jikkonfermaw li l-Libja miexja 'l quddiem fix-xogħol tagħha biex tirriforma s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tagħha, u b'mod partikolari biex tassigura li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Libja hija konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(63) L-LCAA, u rappreżentanti ta' Afriqiyah, Libyan Airlines u Buraq Air, iltaqgħu mal-Kummissjoni, l-EASA, u ċerti membri tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-15 ta' Ottubru 2012 biex jagħtu tagħrif dwar il-progress li sar. L-LCAA infurmat li kienet hadet azzjoni regolatorja billi rrevokat l-AOCs [1] ta' 16 mis-26 trasportatur tal-ajru Libjan. Kienu impjegaw konsulenti għal perjodu

[1] International Company, Tobruk Air Transport, Awsaj Aviation Service, Kalat Aleker Air Company, Alajniha Air Transport, Nayzak Air Transport, Qurina Air Services, Libyan Air Cargo, Air One Nine, Gulf Pearal Airlines, Horizon Airline, North African Air Transport, Madina Air, Assanad Aviation, Benina Air, Awas Aviation.

qasir, u ħadu għajnuna tal-ICAO fit-tul biex jipprovdulhom għajnuna teknika, u infurmaw li jinsabu fil-proċess li jirreklutaw għadd ta' piloti u inġiniera addizzjonali biex jaġixxu ta' persunal għall-ispezzjonijet.

(64) Barra minn hekk, l-LCAA infurmat li se tidħol għal proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' ħames stadji tat-trasportaturi tal-ajru kollha Libjani, li jibda bil-Libyan Airlines u l-Afriqiyah, u se tirrapporta dwar il-progress u jipprovdu rapporti ta' verifika meta dawn isiru disponibbli. Fl-istess ħin, se jiżviluppaw u jimplimentaw sistema ta' sorveljanza annwali biex jassiguraw il-konformità kontinwa mal-istandards tal-ICAO mit-trasportaturi tal-ajru tagħhom.

(65) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' preżentazzjonijiet mil-LCAA, il-Libyan Airlines u l-Afriqiyah fil-21 ta' Novembru 2012. L-LCAA iddikjarat biċ-ċar li operati mhux sikuri ma jkunux ittollerati fil-Libja. Huma kkonfermaw id-dettalji pprovduti fil-laqgħa tas-16 ta' Ottubru, b'mod partikolari li r-rapport ta' investigazzjoni dwar l-aċċident tal-Afriqiyah A330 jkun ippubblikat qabel Frar 2013, li l-proċess ta' ratifika huwa ppjanat li jitlesta fil-każ tal-Libyan Airlines u l-Afriqiyah sa Diċembru 2012 u għat-trasportaturi tal-ajru li jkun baqa' sa Diċembru 2013. Huma infurmaw ukoll li se jkomplu jieħdu azzjoni ta' infurzar fejn meħtieġ biex irażżnu r-riskji tas-sikurezza, kif għamlu fil-każ taż-żamma temporanja fuq l-art tal-A320.

(66) Il-Libyan Airlines informa li l-proċessi ta' ġestjoni tas-sikurezza tiegħu u t-taħriġ tal-ekwipaġġ tiegħu ttejbu.

(67) Afriqiyah informa lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar is-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-użu ta' organizzazzjonijiet esterni tat-taħriġ. It-trasportatur tal-ajru ddikjara wkoll li, b'riżultat tal-aċċident tal-A330, l-iskedi tat-titjiriet ġew immodifikati biex inaqqsu r-riskju tal-għajja tal-pilota, twettaq programm ta' taħriġ tal-piloti dwar proċeduri "go-around", u nġiebu esperti esterni biex jgħinu fl-iżvilupp ta' programmi tas-sikurezza. It-trasportatur tal-ajru esprima x-xewqa li jopera fi Spanja, Franza, ir-Renju Unit, l-Italja, il-Ġermanja u l-Awstrija, ladarba l-LCAA tkun neħħiet ir-restrizzjonijiet attwali tagħhom.

(68) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru ġew imħeġġa mill-pjan sod tal-LCAA li jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sikurezza fis-sistema tal-avjazzjoni tagħhom, l-iskedi taż-żmien realistiċi għall-azzjonijiet, u l-progress li sar sa issa. Huma nnutaw li l-LCAA se żżomm ir-restrizzjonijiet attwali tagħha fuq kull operat tat-trasportaturi tal-ajru fl-UE, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda saż-żmien li fih ċertifikazzjoni mill-ġdid kompleta f'ħames stadji titlesta u tiġi konkluża kwalunkwe sejba sinifikanti, li warajha, u bi ftehim mal-Kummissjoni, trasportaturi tal-ajru individwali jkun jista' jingħatalhom il-permess li jibdew mill-ġdid titjiriet kummerċjali lejn l-UE, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda.

(69) Barra minn hekk, għal kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat mill-ġdid, l-LCAA intrabtet li tissottometti lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid, kif ukoll li tiltaqa' mal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiddiskuti fid-dettall il-verifiki relevanti, is-sejbiet, l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda u l-azzjonijiet ta' għeluq, flimkien ma' dettalji tal-pjanijiet biex titkompla s-sorveljanza qabel ma jsir qbil dwar l-illaxkar ta' restrizzjonijiet. Jekk din l-informazzjoni tonqos milli turi, b'mod illi jissodisfa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, li l-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid intemm effettivament u li sorveljanza kontinwa sostenibbli qiegħda fis-seħħ skont l-istandards tal-ICAO, il-Kummissjoni ikollha tieħu miżuri biex tevita li t-trasportaturi tal-ajru joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-UE, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda. Jekk ikunu meħtieġa iktar kjarifiki, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li twettaq żjara fuq il-post qabel l-illaxkar ta' kwalunkwe restrizzjonijiet.

(70) Għat-trasportaturi tal-ajru li sussegwentement jiġu permessi li joperaw fl-UE, l-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' dawn it-trasportaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012. Fil-każ li r-riżultati ta' tali verifiki, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards internazzjonali tas-sikurezza mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni taħt l-awspiċji tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja**

(71) It-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Mawritanja ilhom elenkati fl-Anness A minn Novembru 2010 ([1]). L-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja (ANAC) minn dak iż-żmien 'l hawn impenjaw ruħhom f'konsultazzjonijiet attivi mal-Kummissjoni bil-għan li jaġġornaw ruħhom dwar il-progress li sar fir-riforma tar-regolament tal-avjazzjoni ċivili, u għamlu għadd kbir ta' sottomissjonijiet f'dak ir-rigward. Saru żewġ laqgħat mal-ANAC u Mauritania Airlines fl-24 ta' Settembru u fl-10 ta' Ottubru 2012. L-ANAC u Mauritania Airlines International instemgħu wkoll mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru fil-21 ta' Novembru 2012.

(72) L-ANAC infurmat li ttieħdu azzjonijiet deċiżivi biex jirriformaw is-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza, u li diġà saru għadd ta' kisbiet: b'mod partikolari, it-tfassil ta'

([1]) Il-premessi (43) sa (51) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2010 tat-22 ta' Novembru 2010, ĠU L 306, 23.11.2010, p. 49.

kodiċi tal-ajru ċivili ġdida, l-emenda tal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni ċivili biex tallinjaha mal-Anness għall-Konvenzjoni ta' Chicago, tibdiliet għall-ġestjoni, l-istruttura u l-persunal tal-ANAC, u l-istabbiliment ta' sett sħiħ ta' proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tat-trasportaturi tal-ajru.

(73) L-ANAC infurmat li ħadu azzjoniijet ta' infurzar effettivi. L-ANAC infurmat ukoll li l-AOC ta' Mauritania Airways skada fil-15 ta' Diċembru 2010, u ma ġiex imġedded billi t-trasportatur tal-ajru waqqaf l-attività tiegħu. L-ANAC infurmat ukoll li ċ-ċertifikati u d-derogi miżmuma mit-trasportatur tal-ajru Class Aviation ġew irrevokati f'Jannar 2011.

(74) L-ICAO wettqet żewġ missjonijiet ta' koordinazzjoni u validazzjoni (ICVM) fil-Mawritanja f'April u Settembru 2012 biex tivvalida l-progress li sar mill-Istat. Ir-rapporti finali ta' dawn il-missjonijiet jikkonfermaw li nkiseb progress kbir, b'titjib ta' 47 % fil-konformità ġenerali mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Fl-1 ta' Ottubru 2012, l-ICAO ikkonfermat lill-Kummissjoni l-progress eċċezzjonali li sar mill-ANAC. Madanakollu, dawn il-missjonijiet ikkonkludew ukoll dwar il-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi ta' sorveljanza u r-reżoluzzjoni tal-każijiet indikati ta' tħassib tas-sikurezza, fejn l-ICAO tirrapporta li n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tilħaq il-51 % u l-58 % rispettivament. L-ANAC indikat li beħsiebha twettaq l-azzjonijiet tagħha b'determinazzjoni biex ittejjeb aktar il-konformità mal-istandards tal-ICAO.

(75) Fil-konsultazzjonijiet tagħha mal-ANAC, il-Kummissjoni ivvalutat speċifikament ir-reqqa tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-Mauritania Airlines International. In-nuqqasijiet ġew identifikati fiċ-ċertifikazzjoni inizjali ta' Mauritania Airlines International minħabba li l-AOC tiegħu nħareġ fit-8 ta' Mejju 2011 mingħajr ma pprovda evidenza li n-nuqqas ta' konformità identifikat matul iċ-ċertifikazzjoni inizjali tal-linja tal-ajru, b'mod partikolari l-awtorizzazzjonijiet tal-RVSM (reduced vertical separation minima), in-nuqqas ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjiriet, u n-nuqqas ta' persunal ta' fuq l-art, ġie effettivament rrettifikat qabel il-ħruġ tal-AOC. Madanakollu, l-ANAC u Mauritania Airlines International irrappurtaw u pprovdew evidenza li n-nuqqasijiet kollha ssolvew fil-25 ta' Ottubru 2012. L-ANAC ddikjarat u pprovdiet evidenza li t-trasportatur tal-ajru issa huwa soġġett għal sorveljanza kontinwa skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(76) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru jilqa' l-progress kbir irrappurtat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u r-reżoluzzjoni tan-nuqqasijiet identifikati fiċ-ċertifikazzjoni inizjali ta' Mauritania Airlines International. Waqt li jitqiesu l-azzjonijiet ta' infurzar effettiv li ġew deċiżi u implimentati mill-ANAC fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru l-oħra li ma għadhomx jeżistu, abbażi tal-kriterja komuni, huwa meqjus li t-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Mawritanja għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(77) L-ANAC ddikjarat u kkonfermat bil-kitba li Mauritania Airlines International mhux beħsiebu jerġa' jopera t-titjiriet għall-UE fi żmien qasir, ħlief għal Las Palmas de Gran Canaria (Spanja) u mhux qabel Frar 2013.

(78) L-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja indikaw li huma pprovdew għajnuna teknika lill-ANAC u kkonfermaw li kienu ssodisfati bit-titjiriet li se jerġgħu jibdew joperaw għal Las Palmas de Gran Canaria.

(79) L-Istati Membri se jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards relevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' trasportaturi tal-ajru lliċenzjati fil-Mawritanja skont ir-Regolament (KE) Nru 965/2012.

(80) Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, beħsiebha tagħmel żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza fuq il-post biex tikkonferma l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri meħuda mill-ANAC.

(81) Fil-każ li r-riżultati ta' tali verifiki, jew kwalunkwe informazzjoni tas-sikurezza relevanti oħra, jindikaw li l-istandards tas-sikurezza internazzjonali mhux qed jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni taħt l-awspiċji tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Filippini**

(82) It-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini ilhom elenkati fl-Anness A mill-31 ta' Marzu 2010 [1]. Konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini (CAAP) minn dak iż-żmien 'l hawn ġew segwiti bil-għan li jinkisbu aġġornamenti dwar il-progress li sar fir-riforma tar-regolamenti tal-avjazzjoni ċivili. Saru diversi sottomissjonijiet u saret vidjokonferenza fit-18 ta' Novembru 2012 bejn il-Kummissjoni, megħjuna mill-EASA, u s-CAAP.

(83) Is-CAAP infurmat li l-ICAO wettqet missjoni ta' koordinazzjoni u validazzjoni fuq il-post (ICVM) f'Ottubru 2012, u tat il-fehma tagħha dwar ir-riżultati preliminari, li jiżvelaw titjib ta' 7 % fil-konformità ġenerali mal-istandards tal-ICAO. Madanakollu, it-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza nnotifikat mill-ICAO lill-Partijiet Kontraenti kollha tal-Konvenzjoni ta' Chicago fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru jibqa' miftuħ, u l-ICAO qajmet aktar tħassib tas-sikurezza rigward ir-reġistru tal-inġenju tal-ajru.

(84) Is-CAAP ikkonfermat li AviaTour Fly'In kienet involuta f'inċident fatali fit-18 ta' Awwissu 2012, it-tieni inċident fatali wara dak li seħħ f'Marzu 2012 [2]. Is-CAAP ma weġbitx b'mod adegwat għat-talbiet għall-informazzjoni mill-Kummissjoni, u b'mod partikolari naqset milli tipprovdi informazzjoni dwar il-validità tal-AOC ta' dan

[1] Il-premessi (74) sa (87) tar-Regolament (KE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010, ĠU L 84, 31.3.2010, p. 32.

[2] Il-premessa (43) tar-Regolament (UE) Nru 295/2012 tat-3 ta' April 2012, ĠU L 98, 4.4.2012, p. 17.

it-trasportatur tal-ajru li, skont is-sottomissjonijiet preċedenti, kellu jiskadi fl-14 ta' Awwissu 2012, u dwar ir-riżultati li għadhom ħerġin tal-investigazzjonijiet dwar iż-żewġ inċidenti.

(85) Filwaqt li l-Kummissjoni rċeviet informazzjoni li t-trasportaturi tal-ajru South West Air Corporation, Airgurus u Skyjet bdew transport kummerċjali bl-ajru, is-CAAP ma weġbitx b'mod adegwat għat-talbiet għall-informazzjoni mill-Kummissjoni, u b'mod partikolari naqset milli tipprovdi l-AOCs ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-operat; is-CAAP naqset ukoll milli turi li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza kontinwa ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali applikabbli. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa meqjus li dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jiddaħħlu wkoll fl-Anness A.

(86) Il-Kummissjoni tkompli tappoġġa r-riforma ambizzjuża tas-sistema tal-avjazzjoni ċivili li adottaw l-awtoritajiet tal-Filippini, u tistieden lil dawn l-awtoritajiet li jkomplu b'determinazzjoni l-isforzi tagħhom lejn it-twaqqif ta' sistema ta' sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili f'konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali. Għal dak il-għan, tħeġġeġ lil dawn l-awtoritajiet li jkomplu l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie miftiehem mal-FAA u l-ICAO, tiffoka bi prijorità fuq it-Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza, iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-operaturi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom, u azzjonijiet ta' infurzar effettiv fil-każ tat-tħassib tas-sikurezza jew il-ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Ladarba l-FAA tkun immodifikat il-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-Filippini mal-istandards ta' valutazzjoni internazzjonali u kull Tħassib Sinifikanti tas-Sikurezza jitneħħa għas-sodisfazzjon tal-ICAO, il-Kummissjoni tkun lesta li torganizza, bl-għajnuna tal-EASA u bl-appoġġ tal-Istati Membri, valutazzjoni fuq il-post biex tivverifika l-progress miksub u tħejji reviżjoni tal-każ fil-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

**Jordan Aviation**

(87) Il-Kummissjoni, megħjuna mill-EASA, wettqet żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan bejn it-30 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2012, sabiex tivverifika l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti għall-avjazzjoni ċivili (Il-Kummissjoni Regolatorja tal-Avjazzjoni Ċivili – CARC) u t-trasportatur tal-ajru Jordan Aviation (PSC) biex tindirizza t-tħassib tas-sikurezza deskritt fir-Regolament (KE) Nru 1197/2011.

